



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

ID-DIRETTORAT ĠENERALI GĦAS-SUQ INTERN, L-INDUSTRIJA, L-INTRAPRENDITORIJA U L-SMEs

Brussell, l-24 ta' Lulju 2020
REV1 – jissostitwixxi l-avviż bid-
data tas-27 ta' Settembru 2018

AVVIŻ LILL-PARTIJET IKKONĊERNATI

IL-ĦRUĠ TAR-RENJU UNIT U R-REGOLI TAL-UE FIL-QASAM TAD-DETERĠENTI

Mill-1 ta' Frar 2020, ir-Renju Unit irtira mill-Unjoni Ewropea u sar “pajjiż terz”¹. Il-Ftehim dwar il-Hruġ² jipprevedi perjodu ta' tranżizzjoni li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2020. Sa dik id-data, il-liġi tal-UE kollha kemm hi tapplika għar-Renju Unit u fih³.

Matul il-perjodu ta' tranżizzjoni, l-UE u r-Renju Unit se jinnegozjaw ftehim dwar sħubija ġdida, li jipprovdi b'mod partikolari għal żona ta' kummerċ ħieles. Madankollu, m'hemmx ċertezza dwar jekk jintlaħaqx ftehim bħal dan u jekk jidħolx fis-seħħ fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni. Fi kwalunkwe każ, tali ftehim johlqoq relazzjoni li f'termini ta' kundizzjonijiet ta' aċċess għas-suq ser tkun differenti ħafna mill-parteċipazzjoni tar-Renju Unit fis-suq intern,⁴ fl-Unjoni Doganali tal-UE, u fil-qasam tal-VAT u s-sisa.

Għaldaqstant, il-partijiet interessati kollha, u speċjalment l-operaturi ekonomiċi, huma mfakkra dwar is-sitwazzjoni legali applikabbli wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni (Parti A hawn taħt). Dan l-avviż jispjega wkoll ċerti dispożizzjonijiet rilevanti dwar is-separazzjoni fil-Ftehim dwar il-Ħruġ (il-Parti B hawn taħt), kif ukoll ir-regoli applikabbli għall-Irlanda ta' Fuq wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni (Parti C hawn taħt).

Avviż lill-partijiet ikkonċernati:

Biex jiġu indirizzati l-konsegwenzi stabbiliti f'dan l-avviż, il-partijiet ikkonċernati huma b'mod partikolari rakkomandati li:

- jiżguraw il-konformità mal-obbligi għall-importaturi;

¹ Pajjiż terz huwa pajjiż mhux membru tal-UE.

² Il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, ĠU C 29 I, 31.1.2020, p. 7 (“Il-Ftehim dwar il-Ħruġ”).

³ Soġġett għal ċerti eċċezzjonijiet previsti fl-Artikolu 127 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, li l-ebda waħda minnhom ma hija rilevanti fil-kuntest ta' dan l-avviż .

⁴ B'mod partikolari, ftehim ta' kummerċ ħieles ma jipprovdi għal kunċetti tas-suq intern (fil-qasam tal-prodotti u s-servizzi) bħar-rikonoxximent reċiproku, il-“prinċipju tal-pajjiż ta' oriġini”, u l-armonizzazzjoni. Lanqas ma hemm ftehim ta' kummerċ ħieles li jneħħi l-formalitajiet u l-kontrolli doganali, inklużi dawk li jikkonċernaw l-oriġini tal-merkanzija u l-input tagħhom, kif ukoll projbizzjonijiet u restrizzjonijiet fuq l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet.

- jadattaw it-tikkettar tal-prodotti, fejn meħtieġ; kif ukoll
- jiżguraw li t-testijiet tal-bijodegradabbiltà meħtieġa jitwettqu minn laboratorju approvat minn Stat Membru.

Innota li:

Dan l-avviż ma jindirizzax

- Il-liġi ġenerali tal-UE dwar is-sustanzi kimiċi;
- Ir-regoli tal-UE dwar prattika tajba ta' laboratorju.

Għal dawn l-aspetti, qegħdin jitħejjew avviżi oħrajn jew ġew ippubblikati⁵.

A. IS-SITWAZZJONI LEGALI WARA T-TMIEM TAL-PERJODU TAT-TRANŻIZZJONI

Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, ir-Regolament (KE) Nru 648/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 dwar deterġenti⁶ ma japplikax aktar għar-Renju Unit⁷. Dan iwassal, b'mod partikulari, għall-konsegwenzi li ġejjin:

1. RESPONSABILTAJIET GĦALL-IMPORTATURI

Skont l-Artikolu 2(10) tar-Regolament (KE) Nru 648/2004, manifattur huwa l-persuna responsabbli għat-tqegħid fis-suq tal-UE ta' deterġent jew ta' aġent tensjoattiv għal deterġent. Il-kunċett ikopri mhux biss produttur, iżda wkoll importatur.

Skont l-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 648/2004, il-manifatturi tad-deterġenti jew ta' aġenti tensjoattivi għal deterġenti għandhom ikunu stabbiliti fl-UE, u għandhom ikunu responsabbli għall-konformità tad-deterġenti jew ta' aġenti tensjoattivi għal deterġenti ma' dan ir-Regolament.

Wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni, manifattur stabbilit fir-Renju Unit mhux se jibqa' operatur ekonomiku stabbilit fl-UE. B'konsegwenza ta' dan, operatur ekonomiku stabbilit fl-UE u li jqiegħed fis-suq tal-UE deterġenti jew aġenti tensjoattivi għal deterġenti li ġejjin mir-Renju Unit, li sa dak iż-żmien kien jitqies bħala distributtur, se jsir importatur tal-UE fir-rigward ta' dawk il-prodotti. Dan l-operatur għalhekk se jkun jeħtieġli jikkonforma mal-obbligi msemmija hawn fuq għall-manifatturi.

⁵ https://ec.europa.eu/info/european-union-and-united-kingdom-forging-new-partnership/future-partnership/preparing-end-transition-period_mt

⁶ ĠU L 104, 8.4.2004, p. 1.

⁷ Rigward l-applikabilità tar-Regolament (KE) Nru 648/2004 għall-Irlanda ta' Fuq, ara l-Parti C ta' dan l-avviż.

2. IT-TIKKETTAR

Skont l-Artikolu 11(2)(b) tar-Regolament (KE) Nru 648/2004, id-deterġenti għandu ikollhom tiketta bl-isem jew bil-marka kummerċjali tal-parti responsabbli għat-tqegħid tal-prodott fis-suq.

Jekk, qabel it-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni, il-manifattur kien stabbilit fir-Renju Unit, il-marka tal-manifattur fuq il-pakketti, it-tikketti u d-dokumenti li jkun hemm magħhom għandhom jinbidlu kif xieraq.

3. LABORATORJI APPROVATI

Fuq il-bażi tal-Artikoli 3 u 4, kif ukoll tal-Annessi II, III, IV u VIII tar-Regolament (KE) Nru 648/2004 huma meħtieġa t-testijiet li ġejjin:

- Testijiet tal-biodegradabbiltà primarja għal aġenti tensjoattivi f' deterġenti;
- Testijiet tal-bijodegradabbiltà finali (mineralizzazzjoni) għal aġenti tensjoattivi f' deterġenti;
- Testijiet ipprovduti taħt valutazzjoni ta' riskju komplimentari għal aġenti tensjoattivi f' deterġenti.

Skont l-Artikolu 8(2) tar-Regolament (KE) Nru 648/2004, dawk it-testijiet għandhom jitwettqu minn laboratorji approvati minn Stat Membru⁸. Il-konformità ma' dan ir-rekwiżit hija kkontrollata fuq prodotti mqieġħda fis-suq.⁹

Għal deterġenti mqieġħda fis-suq wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni, it-testijiet meħtieġa skont ir-Regolament (KE) Nru 648/2004 jeħtieġ li jkunu saru minn laboratorju approvat minn Stat Membru tal-UE.

B. ID-DISPOŻIZZJONIJIET TAS-SEPARAZZJONI RILEVANTI TAL-FTEHIM DWAR IL-ĦRUĠ

L-Artikolu 41(1) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ jipprovdli li oġġett eżistenti u identifikabbli individwalment imqieġħed skont il-liġi fis-suq fl-UE jew fir-Renju Unit qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni jista' jsir disponibbli fis-suq tal-UE jew tar-Renju Unit u jiċċirkola bejn dawk iż-żewġ swieq sakemm jasal għand l-utent aħħari tiegħu.

L-operatur ekonomiku li jinvoka dik id-dispożizzjoni għandu l-oneru tal-prova li juri fuq il-bażi ta' kwalunkwe dokument rilevanti li l-prodott kien tqieġħed fis-suq fl-UE jew fir-Renju Unit qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni.¹⁰

Għall-finijiet ta' dik id-dispożizzjoni, "tqegħid fis-suq" tfisser l-ewwel provvista ta' oġġett għad-distribuzzjoni, għall-konsum jew għall-użu fis-suq waqt attività kummerċjali, kemm jekk bi ħlas kif ukoll mingħajr ħlas.¹¹ "Provvista ta' oġġett għad-

⁸ Il-lista ta' laboratorji approvati hija ppubblikata hawnhekk: http://ec.europa.eu/growth/sectors/chemicals/legislation_mt

⁹ L-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 648/2004.

¹⁰ L-Artikolu 42 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.

¹¹ L-Artikolu 40(a) u (b) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.

distribuzzjoni, għall-konsum jew għall-użu” tfisser li oġġett eżistenti u individwalment identifikabbli, wara li jkun seħħ l-istadju tal-manifattura, ikun is-suġġett ta’ ftehim bil-miktub jew verbali bejn żewġ, jew aktar, persuni ġuridiċi jew fiżiċi għat-trasferiment ta’ sjieda, ta’ kwalunkwe dritt ieħor ta’ proprjetà, jew ta’ pussess li jikkonċernaw l-oġġett inkwistjoni, jew ikun is-suġġett ta’ offerta lil persuna jew persuni ġuridiċi jew fiżiċi għall-konklużjoni ta’ tali ftehim”.¹²

Eżempju: Deterġent individwali mibjugħ mill-manifattur ibbażat fir-Renju Unit lil bejjiegħ bl-ingrossa bbażat fir-Renju Unit qabel tmiem il-perjodu ta’ tranżizzjoni bbażat fuq testijiet ta’ sikurezza mwettqa minn laboratorju approvat fir-Renju Unit xorta jista’ jiġi distribwit aktar fl-UE abbażi ta’ dawn it-testijiet u mingħajr il-ħtieġa ta’ tikkettar mill-ġdid.

Għal aktar informazzjoni dwar il-kunċett tat-tqegħid fis-suq u d-dimostrazzjoni ta’ prova ta’ tqegħid fis-suq, jekk jogħġbok irreferi għall-Parti B tal-*“Avviż lill-partijiet ikkonċernati — il-ħruġ tar-Renju Unit u r-regoli tal-UE fil-qasam tal-prodotti industrijali”* tat-13 ta’ Marzu 2020¹³.

C. REGOLI APPLIKABBLI FL-IRLANDA TA’ FUQ WARA T-TMIEM TAL-PERJODU TA’ TRANŻIZZJONI

Wara tmiem il-perjodu ta’ tranżizzjoni, japplika l-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta’ Fuq.¹⁴ Il-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta’ Fuq huwa soġġett għal kunsens perjodiku tal-Assemblea Leġiżlattiva tal-Irlanda ta’ Fuq, fejn il-perjodu inizjali ta’ applikazzjoni jestendi sa 4 snin wara tmiem il-perjodu ta’ tranżizzjoni.¹⁵

Permezz tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta’ Fuq ċerti dispożizzjonijiet tal-liġi tal-UE huma applikabbli wkoll għar-Renju Unit u fir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta’ Fuq. Fil-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta’ Fuq, l-UE u r-Renju Unit qablu wkoll li sa fejn ir-regoli tal-UE japplikaw għar-Renju Unit u fih fir-rigward tal-Irlanda ta’ Fuq, l-Irlanda ta’ Fuq hija ttrattata daqslikieku kienet Stat Membru.¹⁶

Il-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta’ Fuq jipprovdi li r-Regolament (KE) Nru 648/2004 japplika għar-Renju Unit u fih, fir-rigward tal-Irlanda ta’ Fuq.¹⁷

Dan ifisser li r-referenzi għall-UE fil-Partijiet A u B ta’ dan l-avviż għandhom jinftiehem bħala li jinkludu l-Irlanda ta’ Fuq, filwaqt li r-referenzi għar-Renju Unit għandhom jinftiehem li jirreferu biss għall-Gran Brittanja.

B’mod aktar speċifiku, dan ifisser, fost oħrajn, dan li ġej:

¹² L-Artikolu 40(c) tal-Ftehim dwar il-ħruġ.

¹³ https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/notice_to_stakeholders_industrial_products.pdf.

¹⁴ L-Artikolu 185 tal-Ftehim dwar il-ħruġ.

¹⁵ Artikolu 18 tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta’ Fuq.

¹⁶ L-Artikolu 7(1) tal-Ftehim dwar il-ħruġ flimkien mal-Artikolu 13(1) tal-Protokoll tal-IE/Ni.

¹⁷ L-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta’ Fuq u t-Taqsima 23 tal-Anness 2 ta’ dak il-Protokoll.

- Deterġent imqiegħed fis-suq fl-Irlanda ta' fuq għandu jkun konformi mar-Regolament (KE) Nru 648/2004.
- Deterġent trasportat lejn l-UE mill-Irlanda ta' Fuq mhuwiex prodott importat għall-finijiet tar-Regolament (KE) Nru 648/2004.
- Deterġent trasportat minn pajjiż terz jew mill-Gran Brittanja lejn l-Irlanda ta' Fuq huwa prodott importat għall-finijiet tar-Regolament (KE) Nru 648/2004.
- Ir-rapporti tat-testijiet maħruġa minn laboratorju approvat minn Stat Membru huma validi fl-Irlanda ta' Fuq.
- Ir-rapporti tat-test maħruġa minn laboratorju fil-Gran Brittanja approvati mir-Renju Unit mhumiex validi fl-Irlanda ta' Fuq. Madankollu, laboratorju fl-Irlanda ta' Fuq jista' jkompli jorogħ rapporti ta' testijiet f'ċerti ċirkostanzi (ara hawn taħt).

Madankollu, il-Protokoll tal-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq jeskludi l-possibbiltà għar-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq li

- tipparteċipa fit-teħid ta' deċiżjonijiet u fit-tfassil ta' deċiżjonijiet tal-Unjoni¹⁸;
- tibda proċeduri ta' oġġezzjonijiet, ta' salvagwardja jew ta' arbitraġġ sa fejn dawn jikkonċernaw regolamenti, standards, valutazzjonijiet, reġistrazzjonijiet, ċertifikati, approvazzjonijiet u awtorizzazzjonijiet maħruġa jew imwettqa mill-Istati Membri tal-UE;¹⁹
- tinvoka l-prinċipju tal-pajjiż ta' oriġini jew ir-rikonossiment reċiproku għal prodotti mqiegħda legalment fis-suq fl-Irlanda ta' Fuq, jew għal ċertifikati maħruġa jew attivitajiet oħra mwettqa minn awtoritajiet jew korpi stabbiliti fir-Renju Unit²⁰.

B' mod aktar speċifiku, dan l-aħħar punt ifisser, fost oħrajn, dan li ġejj:

- Ir-rapporti tat-testijiet maħruġa minn laboratorju fl-Irlanda ta' Fuq approvat mir-Renju Unit huma validi biss fl-Irlanda ta' Fuq. Dawn ir-rapporti mhumiex validi fl-UE²¹.

Is-sit web tal-Kummissjoni dwar il-Leġiżlazzjoni dwar is-Sustanzi Kimiċi (https://ec.europa.eu/growth/sectors/chemicals/legislation_mt) jipprovdi informazzjoni ġenerali dwar id-deterġenti. Dawn il-paġni se jiġu aġġornati b'aktar informazzjoni, fejn meħtieġ.

¹⁸ Fejn ikun hemm bżonn ta' skambju ta' informazzjoni jew konsultazzjoni reċiproka, dawn għandhom iseħħu fil-grupp ta' ħidma konsultattiv konġunt stabbilit mill-Artikolu 15 tal-Protokoll tal-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq.

¹⁹ Il-ħames subparagrafu tal-Artikolu 7(3) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq.

²⁰ L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 7(3) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq.

²¹ Ir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 7(3) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq.

Il-Kummissjoni Ewropea
Id-Direttorat Ġenerali għas-Suq Intern, l-Industrija, l-Intraprenditorija u l-SMEs